Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 8/2015

**Nello Micallef** **(appellant)**

**Vs**

**Orienta Limited** **(appellata)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju, 2016.

L-attur harrek lis-socjeta konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fejn ilmenta li sufan li kien xtara minghand il-konvenuta:

i. Ma kienx tal-gilda, kuntrarjament ghal dak li kien qallu l-bejjiegh meta sar il-bejgh;
ii. Il-kwalita tal-materjal kien inferjuri.

B'sentenza tas-27 ta' Marzu 2015, it-Tribunal:

i. Cahad l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-attur ma kienx ta l-avviz kontemplat fl-Artikolu 79 tal-Kap. 378.
ii. Laqa' l-eccezzjoni li ladarba l-attur ma ddepozitax is-sufan taht l-awtorita' tal-qorti, tfalli l-azzjoni tal-attur.

L-appellant appella u l-aggravju hu:-

*"Illi l-Artikolu 21 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta jishaq li t-Tribunal ghandu jsegwi linji ta' ekwita' u l-formalitajiet ghandhom jitqiesu b'anqas restrizzjoni.*

*Illi tali applikazzjoni ta' procedura civili hija ghal kollox estraneja ghal-proceduri li kienu mahsuba quddiem dan it-Tribunal li gie kkreat specifikatament sabiex ihaffef il-proceduri b'anqas formalitajiet minn dawk li huma applikabbli strettament il-Qorti u dan sabiex l-istess konsumatur ikun aktar protett u f'anqas zmien u b'anqas pressjoni fuq il-Qrati nostrani ghal kwistjonijiet ta' natura pekunjarji.*

*Jinghad ukoll li minn imkien mill-provi ma jirrizulta sufficjentement li s-socjeta intimata konvenuta appellata, fil-fatt ghaddiet l-oggett maqbul u pattwit."*

L-appellata wiegbet li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq gurisprudenza kostanti. Il-formalita tad-depozitu kellha tigi osservata, ghaliex inkellha jistghu jigu pregudikati l-partijiet. Il-fatt li l-appellant ma ddepozitax is-sufan taht l-awtorita tal-qorti, jippregudika l-jedd ta' azzjoni. Min-naha taghha pproponiet appell incidentali u ghadha ssostni li l-appellant ma tax l-avviz kontemplat fl-Artikolu 79(1) tal-Kap. 378. L-appellant kien ilu jaf bil-hsara li kien qed jikkawza lis-sufan izda naqas li, fi zmien xahrejn minn meta ntebah b'tali hsara, javza lill-kummercjant u cioe' lis-socjeta appellata skond l-Artikolu 79(2) tal-Kap. 378.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni.

**Fatti**.

1. Fl-4 ta' April 2013, l-appellant xtara sufan minghand is-socjeta appellata ghall-prezz ta' €1,240.
2. L-appellant isostni li wara xi tmien xhur, parti mis-sufan iccartet. Is-socjeta appellata ghamlet it-tiswija xi xahrejn jew tlett xhur wara, ghas-spejjez taghha.
3. F'Ottubru 2014 l-appellant rega' ilmenta li partijiet ohra tas-sufan bdew jiccartu. Il-posizzjoni li hadet l-appellanti kienet li s-sufan kienu ilu li nxtara iktar minn sitt xhur u *'wear and tear'* hu normali jekk is-sufan jintuza kontinwament. Il-konvenuta kienet disposta li tassisti lill-attur biex issir it-tiswija, pero ghas-spejjez tieghu.
4. L-appellant isostni li s-sufan m'huwiex tal-gilda, u meta xtrah qalulu li kien tal-gilda. F'dan ir-rigward ipprezenta leaflet li fih jidher is-sufan u l-kliem: "*Type of Material LEATHER.*"
5. Fl-24 ta' Novembru 2014 l-attur ipprezenta l-kawza fejn talab ghal rifuzjoni tal-prezz. Dan ifisser li l-appellant harrek lis-socjeta konvenuta ghar-rexxissjoni tal-kuntratt, rimedju kontemplat fl-Artikolu 76 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378).

**Konsiderazzjoni**.

1. Mill-atti jirrizulta li l-ewwel darba li l-appellant ilmenta kien lejn l-ahhar tas-sena 2013. Il-konvenuta ndirizzat l-ilment tal-appellant, u sewwiet il-hsara fis-sufan.

2. F'Ottubru 2014 l-appellant rega' lmenta li f'partijiet ohra tas-sufan kienu rega' zviluppa xi ticrit. Din id-darba s-socjeta appellanti rrifjutat li tirrimedja, u argumentat li dak li gara kien minhabba *wear and tear* normali.

3. Min-naha tieghu l-appellant kien pront ippropona proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, fejn talab lura l-flus. Sa dak iz-zmien kienu ghadhom m'ghaddewx is-sentejn kontemplati fl-Artikolu 78 tal-Kap. 378 sabiex l-appellant jipproponi l-azzjoni ta' nuqqas ta' konformita tal-oggett.

4. L-appellant qieghed isostni li hemm nuqqas ta' konformita tas-sufan, peress li:

    i. Gie mwieghed li s-sufan hu tal-gilda, filwaqt li kien irrizultalu li mhuwiex;
    ii. Il-materjal tas-sufan beda jiccarat f'partijiet differenti u ghalhekk il-kwalita' tal-materjal li ntuza kien difettuz;

5. Waqt is-smigh tal-kawza quddiem it-Tribunal, gie kkonfermat li s-sufan kien baqa' fil-pussess tal-appellant. Dan wassal lit-Tribunal biex jiddikjara li gialadarba l-appellant ma ddepozitax is-sufan taht l-awtorita tal-qorti, allura tilef il-jedd li jfittex ghal rimedju. F'dan ir-rigward il-qorti ghamlet riferenza

ghal sentenza tal-Prim'Awla tad-9 ta' Gunju 2005, **Joseph Vella nomine vs Anthony Migneco et nomine**.

6. Il-qorti tosserva li:

    i. Ma tezisti l-ebda opportunita li xerrej jiddepozita l-oggett mixtri fil-qorti.

    ii. L-appellant ippropona l-azzjoni qabel skadew is-sentejn.

    iii. L-appellant kien pront u konsistenti fl-ilmenti li ghamel mas-socjeta appellata. Meta sar it-tieni ilment, l-appellata ma kinitx disposta taghti rimedju lill-appellant in kwantu bdiet issostni li dan kien kaz ta' *wear and tear* bl-uzu.

    iv. Fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur[1], ma jissemma l-ebda obbligu li l-konsumatur ikollu jiddepozita l-oggett taht l-awtorita tal-qorti sabiex ikun jista' jipproponi l-azzjoni ghar-rexxissjoni tal-bejgh minhabba nuqqas ta' konformita tal-oggett li xtara.

    v. Skond l-Artikolu 1209 tal-Kodici Civili:

    *"Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-ligi ma tiddisponix xort'ohra, il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim."*

    Ovvjament hu mpossibbli ghax-xerrej li jaghti lura l-oggett fl-istat li kien qabel il-ftehim, in kwantu ragonevolment ikun ghamel uzu minnu ghallinqas zgur sakemm intebah bin-nuqqas ta' konformita. Skond paragrafu 15 tal-parti preliminari tad-Direttiva 1999/44/EC:

    *"Whereas Member States may provide that any reimbursement to the consumer may be **reduced to take account of the use the consumer has had of the goods since they were delivered to him**; whereas the detailed arrangements whereby rescission of the contract is effected may be laid down in national law."*

    F'dan ir-rigward ma jirrizultax li fil-Kap. 378 hemm xi disposizzjoni li tipprovdi li s-somma dovuta lix-xerrej tista' titnaqqas biex tiehu in konsiderazzjoni l-uzu li jkun ghamel minn meta l-oggett gie kkonsenjat. Gialadarba t-Tribunal ghandu dmir jiddeciedi wkoll skond l-ekwita (Artikolu 21 tal-Kap. 378), jekk jirrizulta li l-konsumatur ikun uza l-oggett sakemm intebah bin-nuqqas ta' konformita, jidher li m'hemm xejn milli jzomm lit-Tribunal milli jirriduci s-somma li ghandha tithallas lill-konsumatur sabiex jiehu in konsiderazzjoni ta' tali fatt.

[1] Il-provvedimenti rilevanti ghal dan il-kaz huma mfassla fuq id-Direttiva 1999/44/EC.

vi. Minkejja s-sentenza li ccita t-Tribunal[2], hemm gurisprudenza li addottat il-fehma li n-nuqqas ta' depozitu u z-zamma tal-oggett, mhux dejjem twassal ghat-telfien ta' jedd ghax-xerrej li jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza **Medcomms Limited vs Peter Muscat Scerri**, 31 ta' Jannar 2014). Pero' l-problema fil-kaz tal-lum hu li l-appellant zamm l-oggett ghandu, u probabilment baqa' jaghmel uzu minnu. Ghallinqas m'hemmx prova kuntrarja. Fis-sentenza citata kien irrizulta li l-appellant kien ghamel uzu mill-oggett, li kien apparat ta' dghajsa, ghal 43 siegha biss u mbaghad waqaf juzah.

vii. Minhabba li l-appellant zamm l-oggett u **probabilment baqa' jaghmel uzu minnu**, ghallinqas m'hemmx prova kuntrarja, ma jistax jippretendi li l-kuntratt jigi rexxiss. Wiehed irid jiftakar li l-oggett meritu tal-kawza jitratta dwar sufan li l-prezz tieghu kien ta €1,240. Li tibqa' zzomm is-sufan u taghmel uzu minnu, mhuwiex kompatibbli mar-rifjut ta' oggett u ma' talba ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgh.

7. L-appell incidentali jitratta dwar il-htiega tal-konsumatur li jaghti avviz bil-miktub lill-kummercjant fit-terminu kontemplat fl-Artikolu 79 tal-Kap. 378:

*"(1) Sabiex ikun jista' jikseb beneficcju mir-rimedji disponibbli taht din it-Taqsima, konsumatur ghandu javza lill-kummercjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformita fi zmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebah b'dan n-nuqqas ta' konformita."*

8. Il-qorti tosserva:

i. Li dwar l-ilment li hemm partijiet mis-sufan li mhumiex tal-gilda, hu evidenti li l-appellant qieghed jibbazah fuq rapport li sar minn certu James O'Flaherty u datat 19 ta' Novembru 2014. Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li kien f'dak iz-zmien li l-appellant sar jaf bil-fatt li qieghed jilmenta dwaru. Ladarba l-kawza giet prezentata f'dak l-istess xahar u giet notifikata lill-appellata fis-26 ta' Novembru 2014, kien ghadu ma skadiex it-terminu kontemplat fl-Artikolu 79 tal-Kap. 378.

ii. Fir-rigward ta' ticrit fil-materjal tas-sufan li l-appellant isostni li jirrendi l-materjal ta' kwalita inferjuri u ghalhekk b'nuqqas ta' konformita, jirrizulta li nizjalment l-appellant sab ticrita wahda fis-sufan. Hu lmenta mal-appellanti, mhux maghruf jekk bil-miktub jew bil-fomm, li min-naha taghha hadet hsieb li ssir it-tiswija. Fil-fehma tal-qorti l-appellata m'ghandhiex jedd tipprova tiehu beneficcju minn dak li jipprovdi l-Artikolu 79 meta rrizulta li l-ewwel darba assumiet ir-responsabbilta

[2] **Joseph Vella nomine vs Anthony Migneco et nomine**, tad-9 ta' Gunju, 2005.

biex tissewwa t-ticrita li kien hemm fis-sufan. Fil-fatt is-sufan issewwa minn tappezzar u l-appellata hallset ghat-tiswija. Jidher li f'Ottubru 2014 l-appellant skopra li l-materjal kien qieghed jiccarrat minn bnadi ohra. Il-qorti hi tal-fehma li kien f'dan iz-zmien li l-appellant intebah (*detected*) li s-sufan kellu nuqqas ta' konformita[3], u dan billi jsostni li partijiet differenti mis-sufan bdew jiccartu.

iii. Fil-fatt baghat ritratt lill-appellata (email 7 ta' Ottubru 2014). Il-qorti fehemet li dawn ir-ritratti ntbaghtu fl-istess zmien li l-appellat rega' sab ticrit fis-sufan. Pero' din id-darba l-appellata hadet il-posizzjoni li: "*I would consider any future complaints as normal wear and tear of the product for which we cannot be held further responsible* (email datata 8 ta' Ottubru 2014). L-avviz li jrid jinghata skont l-Artikolu 79 irid ikun bil-miktub, u l-appellant ta avviz bil-miktub (email tat-8 ta' Ottubru 2014) fi zmien xahrejn minn meta rega' skopra iktar ticrit.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

2. **Tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra s-socjeta appellata.**

Anthony Ellul.

[3] Ghallinqas hekk jallega. Pero' dwar dan ghad iridu jsiru l-provi fil-meritu biex jigi determinat jekk is-sufan fihx nuqqas ta' konformita.